MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 148/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kathleen Micallef**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kathleen Micallef talli fis-7 ta’ Settembru 2010 ghall-habta ta’ 17:10hrs fi Triq Stabar, Qormi waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAH-667, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagunat griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ John Terribile skond ma ccertifika Dr. Ahmad Alkharanza M.D.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija Kathleen Micallef tigi skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-istess Kathleen Micallef hatja ta' l-imputazzjoni dedotta u minnha lliberatha;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-17 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tinfliggi piena skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament erroneju tal-fatti u konsegwentement illiberat lill-appellata a bazi li l-fatt ma kienx fih l-ingredjenti ta' reat. Skond l-appellant, mid-dinamika ta' kif sehh is-sinistru u mill-mod ta' kif inhi l-*layout* tat-toroq, ma jistax jinghad illi l-appellata kienet b'xi mod prekluza milli tara lil John Terribile fil-kantuniera ta' fejn sehh is-sinistru li kieku kienet qed izzomm *a proper look-out* fil-mument li sehh l-incident. Il-fatt li l-appellata ghamlet xi manuvra biex tevita incidenti ma' vetturi ohrajn ma jiskolpahiex mir-responsabbilta` izda semmai ghandu jkun fattur li jimmitiga r-responsabbilta` taghha. Kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati, jghid l-appellant, kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche` dak li jigri ma jkunx dovut <u>unikament</u> u <u>eskluzivament</u> ghall-htijiet ta' haddiehor, u dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru.

**6.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-

gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet serji li jinducu lil din il-Qorti tkun tal-fehma li jekk ma tigix disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi tkun ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. F’dan l-appell il-Qorti semghet lix-xhieda principali jixhdu *viva voce* quddiemha u ghalhekk qieghda f’pozizzjoni li hi stess taghmel apprezzament tax-xiehda taghhom.

**7.** Dan l-appell jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta’ Settembru 2010 ghall-habta tal-5.00 p.m. fi Triq Stabar, Qormi. John Terribile, il-*parte civile*, kien qieghed isuq mutur u kien gej mid-direzzjoni ta’ San Vincenz de Paule bil-hsieb li jdur lejn il-Marsa. L-appellata kienet qed issuq Land Rover gejja mid-direzzjoni tal-Marsa sejra fid-direzzjoni ta’ Hal-Qormi. Skond John Terribile, fejn l-i*stop line* kien hemm karozza qablu, harget u ha postha hu. Jghid: *“Sakemm qed taqsam il-karozza l-ohra giet il-mara l-ohra li tajritni.... Minn fuq il-line tajritni.”* John Terribile jghid li hu waqaf fuq l-i*stop* u l-appellata ppruvat tghaddi minn bejnu u l-karozza li harget. Il-vettura li laqtitu ma kienx raha ghax huwa ta daqqa t’ghajn in-naha l-ohra u l-karozza ta’ quddiemu lanqas lehqet qasmet it-triq li l-appellata tajritu. Mill-banda l-ohra l-appellata tghid li kienet gejja ssuq bil-mod, rat mutur u karozza li harget. Tghid: *“X’hin wasalt ezatt kwazi mieghu dan is-sinjur harigli u ovvjament hadt brake u lqattu.”* Skond l-appellata, John Terribile hareg minn fuq l-i*stop line*. Tghid li kien hu li dahal go fiha, u d-daqqa kienet in-naha tal-passiggier. Waqt il-kontro-ezami qalet: *“Hu harigli minn fuq l-istop sign u jien ilqattu.... Hadt brake zghir ... u lqattu.... Jiena ma hsibtux li ha johrog.... Ghax hasadni u harigli ifhimni.... Jiena kont ghaddejja fil-karreggjata tieghi.”*

**8.** Issa, mir-ritratti stess li esebixxa John Terribile jidher illi l-linja ta' l-i*stop* tinsab 'l isfel mis-*centre strip* u ghalhekk min ikun se jidhol go Triq Stabar irid jasal sal-linja ta' l-i*stop* sabiex jesplora t-triq sew qabel ma johrog. Mill-iskizz tal-Pulizija, li ma giex kontestat, jidher li l-appellata kienet fil-karreggjata taghha u l-pozizzjoni taghha wara l-incident juri li zgur kienet ghaddejja bil-mod bizzejjed biex tieqaf kwazi kif sehhet il-kollizjoni. Il-pozizzjoni tal-mutur tidher 'il barra mil-linja ta' l-i*stop*. Dan ifisser illi l-kollizjoni sehhet meta l-mutur kien qabez il-linja ta' l-i*stop*. Dan seta' facilment gara jekk meta l-*parte civile* gie biex jieqaf fuq l-*istop line* ma waqafx bil-parti ta' quddiem ezatt ma' dik il-linja izda hareg aktar 'il barra proprju fil-mument illi kienet ghaddejja l-appellata li, kif jghid l-istess *parte civile*, ma rahiex ghax kien ta daqqa t'ghajn in-naha l-ohra. Da parti taghha l-appellata kellha bizzejjed *presence of mind* li tibbrejkja biex il-konsegwenzi ma jkunux aghar. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellata ma kellhiex tinsab hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------